MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 114/2000/1

Domestica Limited

vs

Id-Dentist Joseph u Alessia sive Elsie konjuġi Xuereb

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet :

Illi l-konvenuti akkistaw mingħand is-soċjeta' attriċi *Corian Tops* u dan skond stima u speċifikazzjonijiet miftehma minn qabel bejn il-partijiet.

Illi għadha dovuta lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elfejn tmien mija u sitt liri Maltija u tlieta u tmenin ċentezmu (Lm2806.83), (Dok. A).

Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet il-konvenuti naqsu li jħallsu dan id-debitu.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' elfejn tmien mija u sitt liri maltin u tlieta u tmenin ċenteżmu (Lm2806.83) kif fuq imsemmija.

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lis-soċjeta' attriċi din is-somma.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali spedita fid-9 ta' Marzu 2000.

Bl-imgħaxijiet skond il-Liġi mid-data ta' l-ittra uffi jali fuq imsemmija.

Il-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu nġunti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-soċjeta' attriċi maħlufa minn Leonard Vassallo Cesareo.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi d-domandi attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, stante, illi kif sejjer jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, u mingħajr preġudizzju għat-talbiet dedotti mill-esponenti fil-kontro ċitazzjoni annessa ma' din in-nota tal-eċċezzjonijiet, l-esponenti ħallsu kwalunkwe ammont illi setgħa qatt kien dovut lis-soċjeta' attriċi, u per konsegwenza ma fadlilhom jagħtu xejn lill-istess soċjeta' attriċi.

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti, fejn wara li ppremetttew illi:

Illi l-konvenuti kienu ordnaw mingħand is-soċjeta' attriċi diversi xogħol magħmul minn materjal magħruf bħala 'Corian';

Illi dan il-materjal ġie konsenjat u x-xogħol twettaq mis-soċjeta' attriċi, sia pure l-kwalita' tax-xogħol ma hijiex daqstant perfetta;

Illi s-soċjeta' attriċi kienet ippreżentat stima ta' dan ix-xogħol, illi a bażi tagħha l-konvenuti wettqu pagamenti inġenti akkont, saħansitra minn qabel ma ġie konsenjat ix-xogħol; mentri l-bilanc dovut għax-xogħol effettivament esegwit kien tħallas ftit wara li tlesta l-istess xogħol;

Illi wara li tlesta x-xogħol, u wara li saru l-pagamenti minnhom, il-konvenuti saru jafu illi l-prezzijiet indikati mis-soċjeta' w illi a bażi tagħhom is-soċjeta' attriċi talbet u rċeviet il-ħlas kienu prezzijiet gonfjati w esaġerati għall-aħħar; u ma kienux prezzijiet raġjonevolment ġustifikati;

Illi l-konvenuti jixtiequ għalhekk illi x-xogħol effettivament imwettaq mis-soċjeta' attriċi jiġi stmat u jiġi ffissat u stabbilit ir-rati illi bihom l-istess soċjeta' attriċi għandha titħallas għall-istess xogħol, u illi l-istess soċjeta' attriċi għandha tiġi kundannata tirrifondi lill-konvenuti dak l-ammont illi jirriżulta illi hija tħallset żejjed għal dak l-istess xogħol.

Talbu lis-soċjeta' attriċi tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-prezzijiet kontenuti fl-istima w inmvoice preżentati minnek mhumiex vinkolanti fuq il-konvenuti għaliex tali prezzijiet huma gonfjati w esaġerati għall-aħħar, u illi dan l-element ta' '*overcharging'* jikkostitwixxi raġuni suffiċjenti sabiex jannulla l-kunsens tal-konvenuti fi kwalunkwe ftehim talvolta raġġunt bejnietkom dwar il-prezzijiet illi bihom inti għandek titħallas għal dak ix-xogħol;

2. Konsegwentement, prevja okkorrendo illi jiġi annullat kwalunkwe ftehim dwar dawn il-prezzijiet, tistabbilixxi, ad opera ta' perit nominand, il-prezzijiet ġusti u raġjonevoli illi a bażi tagħhom inti għandek titħallas tal-materjal provvist u xogħol esegwit minnek;

3. Tikkundannak sabiex tirrifondi lill-konvenuti l-flus illi jirriżultaw illi tħallsu minnhom lilek in eċċess tal-prezz ragjonevolment dovut lilek.

Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti nġunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti debitament maħlufa mid-Dentist Joseph Xuereb .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' attriċi għal din il-kontro-talba, li biha eċċepiet illi:

1. Illi preliminarjament hemm in-nullita' tal-kontro-ċitazzjoni minħabba kontradittorjeta' fit-talbiet billi l-konvenuti qegħdin jitolbu r-rexxissjoni tal-bejgħ u fl-istess waqt ir-riduzzjoni tal-prezz pattwit.

2. Illi preliminarjament ukoll l-azzjoni attriċi ddekadiet bid-dekors ta' sentejn ai termini ta' l-artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi preliminarjament ukoll huwa ta' ostakolu għall-azzjoni attriċi l-artikolu 1213 tal-Kap 16 li teskludi l-lezjoni bħala kawża ta' rexxissjoni minn min huwa ta' l-eta'.

4. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju d-domandi fil-kontro-ċitazzjoni huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-jedd u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess soċjeta' attriċi annessa ma' din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet u maħlufa minn Leonard Vassallo Cesareo.

Rat il-verbal Tagħha tat-12 ta' Ottubru 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Innotat illi l-konvenuti, permezz tan-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom,[1] ċedew il-kontro-talba.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, l-affidavits u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed tfittex li titħallas il-bilanċ allegatament dovut lilha mill-konvenuti għal xogħol ta' l-injam imwettaq fil-klinika tad-dentist Xuereb fir-Rabat, Għawdex. Il-konvenuti jikkontendu illi huma għamlu l-ħlasijiet kollha dovuti u għalhekk m'għad baqgħalhom iħallsu xejn lis-soċjeta' attriċi.

Ġara illi l-konvenuti kienu taw ordni lis-soċjeta' attriċi sabiex twettaq xogħol ta' l-injam fil-klinika li d-dentist Xuereb għandu fir-Rabat. Dan ix-xogħol ġie ordnat skond invoice no. 4059/4060 esebiti mill-konvenuti,[2] sar għas-sodisfazzjon tal-konvenuti u ġie debitament imħallas. Fl-istess epoka saret ordni oħra għal xogħol ta' *corian tops* li kellhom jiġu installati fl-istess klinika. Għal dan ix-xogħol ingħatat stima ta' Lm12,010.17 [3] li skond id-depożizzjoni tal-konvenut li qatt ma ġiet kontradetta, kellhom jinqasmu kwantu ghal Lm5084.97 għax-xogħol fl-ewwel sular u Lm6925.20 għal dak fit-tieni sular.[4] Billi l-konvenut deherlu li kien ser jonfoq ħafna, ddeċieda li jnaqqas mill-ispiża, billi jħalli l-ordni għall-ewwel sular intatta, u jirriduċi sostanzjalment dik rigward it-tieni sular għal *corian top* u *bowl* wieħed biss. In vista għal din ir-riduzzjoni fl-ordni, ngħata *credit note* għal Lm3931.37.[5]

[1] Ara para.16 a fol 6 ta' l-istess Nota (fol.164 - 165 tal-process) .
[2] ara dokti. JX 1 u 2 a fol. 43, 44 .
[3] ara dok. JX 3 a fol. 45
[4] ara affidavit tal-konvenut a fol.39
[5] ara Dok. A anness maċ-ċitazzjoni

Is-soċjeta' attriċi a bażi ta' li *statement* minnha rilaxxjat fis-16 ta' Mejju 2000,[6] tippretendi illi għad baqa' bilanċ dovut lilha ta' Lm2806.83, kif infatti qed titlob fiċ-ċitazzjoni. Imma l-konvenuti jsostnu illi ġialadarba kienet saret ir-riduzzjoni fl-ordni tal-*corian tops* u *bowls* għat-tieni sular, il-*credit note* li ngħatat kellha tirrifletti din ir-riduzzjoni u mhux tiġi ffissata somma b'mod arbitrarju. Infatti jkomplu jikkontendu l-istess konvenuti, ġialadarba fit-tieni sular ġie installat *corian top* wieħed tal-valur ta' Lm1038.60 u *bowl* għalih li jiswa Lm346.80, il-*credit note* kellha tkun għal: Lm6925.20 - (Lm1038.60 + Lm346.80) = **Lm5539.80** u mhux Lm3931.37, kif attwalment kienet. Ma tirriżulta ebda raġuni li tiġġustifika lis-soċjeta' attriċi milli tonqos li takkredita lill-konvenuti għall-valur kollu tal-parti mill-ordni li ma ġietx installata fit-tieni sular, u għalhekk id-differenza ta' Lm1608.43 għandha tmur a favur tal-konvenuti.

Li *statement* anness maċ-ċitazzjoni,[7] li apparti għall-valur tal-*credit note* in kwistjoni, ma jidhirx illi mill-bqija ġie qatt ikkontestat, jindika illi l-kont għax xogħol kollu mwettaq fil-klinika tal-konvenut kien ilaħħaq is-somma ta' Lm25333.57, filwaqt illi l-konvenuti gew ikkreditati għas-somma ta' Lm22526.74. Jekk ma' dan il-kreditu tiżdied id-differenza li kellha tingħata bħala credit lill-konvenuti, u ċioe' s-somma ta' Lm1608.43, jiġi li għadhom dovuti mill-konvenuti **Lm1198.40** biss u mhux l-Lm2806.83 mitluba fiċ-ċitazzjoni.

Billi kif ingħad il-kontro-talba ġiet ċeduta fil-mori tal-kawża, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa' *in parte* t-talbiet attriċi u :

1. tiddikjara li l-konvenuti huma debituri fil-konfront tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' elf mija tmienja u disgħin lira maltija u erbgħin ċenteżmu (Lm1198.40),

[6] ibid.
[7] Dok. A a fol. 5 tal-process

ekwivalenti llum għal elfejn seba' mija tnejn u disgħin ewro u seba' u għoxrin ċenteżmu (Eur.2792.27); u

2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lis-soċjeta' attriċi din is-somma, bl-imgħaxijiet relattivi mid-data ta' l-ittra uffiċċjali tad-9 ta' Marzu 2000.
L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jitħallsu kwantu għal terz (1/3) mill-konvenuti, u l-bqija għall-istess soċjeta' attriċi.

L-ispejjeż tal-kontro-talba, li ġiet ċeduta fil-mori tal-kawża, jibqgħu naturalment a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------